TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/160/16/S

*John Grech*
*vs.*
*Joseph Cachia eżerċenti l-kummerċ Aluage Aluminium*

Illum, 14 ta'Marzu,2018.

It-Tribunal:

Ra l-Avviż tat-Talba ta' John Grech ippreżentat fis-7 ta' Settembru 2016 kif ukoll ir-Risposta ta' Joseph Cachia ippreżentata fl-4 t' Ottubru 2016;

Ra d-dokumenti ippreżentati, sema' lill-partijiet kif ukoll ix-xhieda kollha mressqa u t-trattazzjoni magħmula fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2018.

Ikkunsidra:

Illi fl-Avviż tat-Talba, ir-rikorrenti talab li t-Tribunal jordna li Joseph Cachia jirrifondah l-ammont ta' mitejn u disgħa u tmenin Ewro (€289.00) jew alternattivament, jordna t-tiswija tal-*insect screen* relattiv;

Illi fir-Risposta tiegħu, Joseph Cachia spjega li l-*insect screen* relattiv ma ħadimx sewwa stante li r-rikorrent ma kienx segwa l-parir tagħhom u kien ordna tip ta' *insect screen* differenti minn dak li huma kienu irrakkomandaw;

Illi fix-xhieda tiegħu, ir-rikorrent ikkonferma t-talba tiegħu bil-ġurament u spjega li kien ordna żewġ *insect screens* ta' qisien differenti għal żewġ kmamar differenti. Huwa xehed ukoll li Alexia Cachia, impjegata fin-negozju ġestit mill-intimat, kienet issuġġerietlu li jordna *insect screens* li jiffuzjonaw bis-sistema "Plisse" minflok bir-*rollers*. Minkejja dan, ir-rikorrent xorta għażel *insect screens* li jaħdmu bir-*rollers*. Grech kompla jixhed li dawn l-*insect screens* ġew installati fit-23 ta' Ġunju 2016 u għalkemm ħadmu, in-*netting* tagħhom ma kienx issikkat u kien xi ftit imbewwaq;

Illi skont ix-xhieda tar-rikorrent, huwa ħalla l-*insect screens* imniżżla għal ħdax-il ġurnata u meta mar jarahom, sab li l-*iscreen* kien inqala' mill-*frame*. Meta huwa mar ikellem lil Alexia Cachia dwar dan, hu xehed li hija qaltlu li dan kien tort tiegħu *stante* li ma kienx segwa r-rakkomandazzjoni tagħha li juża *insect screens* bis-sistema "Plisse". Grech xehed li għalkemm Alexia Cachia wegħditu li kienet ser tibgħat lil xi ħadd jarahom, hija qatt m'għamlet dan. Ir-rikorrent ippreċiża li l-problema kienet dwar wieħed mill-*iscreens* filwaqt li t-tieni *insect screen* li kien ordna kienet taħdem sewwa;

Illi in kontro-eżami, ir-rikorrent xehed li Alexia Cachia ma kinitx qaltlu li s-sistema "Plisse" kellha tintuża *stante* li t-tieqa kienet għolja fit-tul iżda li din is-sistema kienet aħjar għax kienet iktar reżistenti għar-riħ;

Illi Alexia Cachia xehdet li għall-ewwel, ir-rikorrent ordna t-tip ta' *insect screen* li irrakkommandat hi iżda wara ftit, biddel il-ħsieb u ordna *insect screen* li taħdem bir-*roller*. Cachia qablet mar-rikorrent li meta dan ilmenta li l-*iscreen* kien beda jinqala minn mal-*frame*, hija qaltlu li kienet diġà tatu parir fil-passat li t-tip li ordna hu ma kienx l-aħjar għat-tieqa tiegħu. Cachia żiedet li din ma setgħetx titranġa;

Illi xehed ukoll impjegat ieħor fi ħdan in-negozju ġestit mill-intimat, ċioe Roderick Borg. Dan xehed li meta Alexia Cachia staqsietu x'tip ta' *insect screen* kien l-aħjar għat-tieqa tar-rikorrent, huwa weġibha li s-sistema "Plisse" kienet l-aħjar;

Illi mill-assjem tal-provi, it-Tribunal jifhem li l-ilment tar-rikorrent jirrigwarda wieħed biss mill-*iscreens* li kien ordna stante li l-*insect screen* l-ieħor jaħdem sewwa. Madankollu, ħadd mill-partijiet ma ppreżenta kopja ta' riċevuta jew *invoice* u għalhekk it-Tribunal ma jafx jekk l-ammont mitlub huwiex dak ta' *insect screen* wieħed jew tat-tnejn;

Illi inoltre, ir-rikorrent ammetta li huwa ma kienx segwa l-parir ta' Alexia Cachia u li kien għażel is-sistema tar-*rollers* u mhux is-sistema "Plisse" li kienet issuġġerietlu Alexia Cachia;

Illi r-rikorrent ma tax raġuni għala ma segwiex il-parir ta' Alexia Cachia;
Illi Alexia Cachia xehdet li meta r-rikorrent m'għażilx is-sistema li ssuġġeriet hi, għalkemm ma qablitx mal-għażla tiegħu, irraġunat li ma kellha ebda setgħa twaqqfu li jordna dak li xtaq hu. It-

Tribunal jinnota wkoll li Alexia Cachia qatt ma xehdet li s-sistema tar-*roller* qatt ma setgħet taħdem stante t-tip ta' tieqa li kellu jew li din is-sistema ma setgħetx tiġi installata. Alexia Cachia sempliċement esprimiet l-opinjoni tagħha mar-rikorrent li s-sistema "Plisse" kienet aħjar;

Illi għalkemm Alexia Cachia kellha tama li s-sistema li ordna r-rikorrent taħdem sewwa, ma dehritx sorpriża meta wara numru ta' ġranet, ir-rikorrent ċempel u qal li l-*iscreen* inqala' mill-*frame*;

Illi fl-ittra tiegħu lil Aluage Aluminium, ir-rikorrenti allega li l-fatt li l-*iscreen* inqala' mill-*frame* kien jindika li "*it was clearly obvious that the whole set-up is defective in some way*";

Illi fil-fehma tat-Tribunal, dan ma jistax jiġi irrikonċiljat mal-ammissjoni ripetuta tar-rikorrent li huwa ma segwiex il-parir mogħti għal darba darbtejn minn Alexia Cachia tant li ordna *insect screens* li jaħdmu b'sistema li fil-fehma ta' Alexia Cachia kienet inferjuri għal sistema oħra li n-negozju ġestit mill-intimat seta' jinstalla kieku din ġiet ordnata;

Illi għalhekk, fil-fehma tat-Tribunal, dak li irriżulta kien pjenament aspettat anki mill-intimati li fix-xogħol li wettqu fuq it-twieqi tar-rikorrent, fittxew biss li jikkuntentawh billi jużaw is-sistema li ried hu. Għalhekk, hija l-fehma tat-Tribunal li l-intimat u l-impjegati tiegħu obdew lir-rikorrent u m'għandhomx jaħtu għal dak li irriżulta.

*<u>Deċide</u>*

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad t-Talba tar-rikorrent fl-intier tagħha u Jilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat.

It-Tribunal jordna li kull parti għandha tħallas l-ispejjeż tagħha.

Richard Sladden Av.
Arbitru